

22002D0037

L 154/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.6.2002

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 37/2002

tad-19 ta' April 2002

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 73/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 dwar id-dħul ta' kambjali fil-lista uffiċjali tal-Borża u dwar l-informazzjoni li għandha tkun ippublikata dwar daww il-kambjali <sup>(2)</sup> tikkonsolida diversi atti li preżentament huma inkorporati fl-Anness IV tal-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2001/34/KE għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Direttiva 2001/34/KE tħassar diversi atti preżentament inkorporati fil-Ftehim, inklużi atti b'adozzjoni ŻEE.
- (5) L-adattazzjonijiet ŻEE ta' l-atti mħassra bid-Direttiva 2001/34/KE għandhom ikunu miżmuma, sal-limitu li dawn ma jkunx fihom dispożizzjonijiet transitorji li jkunu saru nulli mill-iskop,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 24 (id-Direttiva tal-Kunsill 79/279/KEE) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

**"32001 L 0034:** Id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 dwar id-dħul ta' kambjali fil-lista uffiċjali tal-Borża u dwar l-informazzjoni li għandha tkun ippublikata dwar daww il-kambjali (ĠU L 184, tas-6.7.2001, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom għall-iskopijiet tal-Ftehim preżenti, ikunu jinqraw bħala l-adattazzjonijiet li ġejjin:

- (a) L-Artikolu 41 tad-Direttiva m'għandux ukun applikabli.

<sup>(1)</sup> ĠU L 238, tas-6.9.2001, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 184, tas-6.7.2001, p. 1.

(b) F'dak li jirrigwardja l-Istati EFTA, id-dati referuti fl-Artikolu 90 tad-Direttiva għandhom ikunu kif ġej:

L-Islanda: l-1 ta' Jannar 1994,

Il-Liechtenstein l-1 ta' Jannar 1997,

In-Norveġja: l-1 ta' Jannar 1994.”

2. It-testi tal-punt 25 (id-Direttiva tal-Kunsill 80/390/KEE), tal-punt 26 (id-Direttiva tal-Kunsill 82/121/KE) u l-punt 27 (id-Direttiva tal-Kunsill 88/627/KEE) għandhom ikunu mħassra.

#### *Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2000/34/KE fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' April 2002, basta li n-notifiki kollha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE (\*).

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' April 2002.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

*Il-President*

P. WESTERLUND

---

(\*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.